Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 519/2014

Il-Pulizja

Vs

Curtis Camilleri

Illum 13 ta' Lulju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Curtis Camilleri, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 469377M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Nhar it-tnejn 18 ta' Awwissu, 2014 ghall-habta tal-09:50hrs fl-inhawi ta Marsaxlokk fuq il-bahar, saq opra tal-bahar bin-numru ta' registrazjoni MFB 7655 meta l-bastiment tas-sajd hu minghajr licenzja valida mahruga skond l-att u dan bi ksur tal-LS. 425.08 Artikolu 4 para 6(b).
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi l-bastiment tas-sajd hu minghajr awtorizzazjoni u jew permess validu kif mehtieg skond l-att ta' LS425.08 artikolu 4 para 6(c).

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 3, 7, Regolament (4) para 6(c) tal- LS 425.08 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitx lill-imputat hati u lliberatu.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Dicembru, 2014, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti **Tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata u minflok issib lil Curtis Camilleri ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu skond il-liġi u tinfliġġi fuqu dik il-piena idonea skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fl-4 ta' Dicembru 2014 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom. Illi l-esponent japprezza u jirrikonoxxi li l-funzjoni ta` din l-Onorabbli Qorti, m`hijiex li tirrinpjazza l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, u minflok tissostitwixxi dan l-apprezzament b`apprezzament taghha, izda li taghmel ezami approfondit ta` l-atti processwali sabiex tara jekk f`dawk ic-cirkostanzi l-Ewwel Onorabbli Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghad-decizjoni li fil-fatt waslet ghalija.

Illi f`dan il-kuntest l-aggravju ta` l-esponent huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellat u dana stante li minn ezami akkurat ta` l-atti processwali u kif ukoll minn ammissjoni tal-istess

appellat, jirrizulta b`mod car li fit-18 ta' Awwissu 2014, Curtis Camilleri ma kellux la licenzja sabiex isuq bastiment tal-bahar u wisq inqas licenzja ghas-sajd kummercjali (MFB).

Illi fl-20 ta' Novembru 2013, l-appellat Curtis Camilleri talab lid-Dipartiment tas-Sajd biex jaghmel 'trasferiment' bejn bastiment MFB 505 u l-iehor MFC 6655. Fil-prattika dan ifisser li l-bastiment li kien ghas-sajd rikreattiv (MFC) isir dak ghas-sajd kummercjali (MFB) u vice versa. F'dan il-kaz, formalment isir bdil fir-registrazzjoni taz-zewg bastimenti peress li t-tnejn li huma trid tinbidlilhom il-kategorija. Fl-istess formola 'Talba ta' tibdil ta' bastiment (Replacement) fir-Registru tal-Bastiment tas-Sajd' li l-appellat Curtis Camilleri anke iffirma hemm indikat li ttiehdu fil-pussess tad-Dipartiment tas-Sajd il-licenzji tal-bastiment prezenti, jigifieri dawk it-tnejn imsemmija aktar il-fuq. Dan ghalhekk ifisser, li l-licenzji zgur ma kienux fil-pussess tal-appellat Curtis Camilleri mid-9 ta' Lulju 2014 u jirrizulta li kien tajjeb ghall-fini tal-bdil surreferit u moghti licenzja tas-sajd b'validita' mill-11 ta' Settembru 2014, cioe wara l-fatti li taw lok ghal-din il-kawza.

Għaldaqstant dan juri car li fit-18 ta' Awwissu 2014, l-appellat Curtis Camilleri kien edott mill-fatt li ma setax isuq il-bastiment bin-numru ta' registrazzjoni MFB 7655 minhabba li l-licenzja ma kienitx fil-pussess tieghu u wisq anqas kien licenzjat ghas-sajd kummercjali ghaliex lanqas biss kien ghadu registrat bhala tali.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-Avukat Generali b'aggravvju wiehed marbut mal-apprezzament tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Illi kif stqarr LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "**R. v. Cooper**" ([1969] :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict* (f'dan il-kaz il-konkluzjonijiet raggunti mill-Magistrat)*, because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution's evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very*

*exceptionally, a conviction will be quashed."* (Confer also : BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Issa huwa minnu illi fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti tghaddi biex tillibera lill-appellat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu minghajr ma tlissen motivazzjoni wahda li setghet twassalha biex taghmel dan. Illi huwa minnu ukoll illi l-ligi ma tirrikjediex illi s-sentenza ikun fiha ir-ragunijiet li ikunu wasslu lill-qorti tasal ghal gudizzju taghha, Izda meta ma jigiex indikat imqar fi ftit kliem dak li fuqu ikun imsejjes tali gudizzju, huwa iktar difficli l-kompitu ghal din il-Qorti fi stadju ta' revizjoni biex tqies jekk l-lanjanzi diretti lejn dik id-decizjoni humiex fondati o meno.

Premess dan, mill-atti probatorji u senjalatament mid-dokument esebiet a fol.6 tal-process jidher illi kien hemm licenzja ghal bastiment tas-sajd bin-numru MFB7655 fuq Curtis Camilleri valida bejn il-11 ta' Settembru 2014 u is-17 ta' Marzu 2015. Issa Gunner Clyde Mizzi u is-suldat Randolph Micallef ighidu illi huma waqqfu lill-appellat fit-18 ta' Awwissu 2014 meta huwa kien qed jistad bil-qasba fuq il-bastiment bin-numru MFB 7655. L-akkuza fil-fatt tirreferi ghal dan il-bastiment. Issa l-appellat fix-xhieda tieghu ighid illi huwa kien ressaq talba mad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura sabiex ibiddel in-numru tal-bastiment MFC 6655 ghan-numru MFB505 u dan f'Settembru 2013. Dan hu affermat ukoll mill-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta'l-appell fl-aggravvju minnu interpost. Christine Caruana, imbaghad, lil xehdet ghan-nom tad-Dipartiment tghid illi t-talba maghmula mill-appellat kien

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

sabiex in-numru tal-bastiment minn MFC6655 jinbidel ghal MFB7655. Din fix-xhieda taghha issostni illi l-bastiment mad-Dipartiment fid-data tat-18 ta' Awwissu 2014 kien ghadu qed iggib in-numru MFC6655. Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi tinsab perpelssa ghal kollox dwar liema bastiment qed issir referenza fl-akkuza ghaliex ma tistax tasal ghal konkluzjoni jekk il-bastiment MFB7655 huwiex l-istess bhal dak indikat bin-numru MFC6655 jew MFB505 jew jekk l-appellat ghandux zewg bastimenti. Illi ukoll anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tistrieh fuq ix-xhieda ta' Caruana, jirrizulta illi fil-jum indikat fl-akkuza in-numru tal-bastiment kien MFC6655 u mhux dak indikat fl-istess akkuza u allura ghalkemm il-licenzja skont din ix-xhud kienet mizmuma u allura ma setax isir sajd minn fuq il-bastiment, madanakollu dan mhuwiex l-istess numru indikat fl-akkuza imressqa fil-konfront tal-appellanti u billi hemm konfuzjoni shiha mill-atti fir-rigward tan-numru tal-bastiment, allura indubbjament il-Prosekuzzjoni ma lahhqitx il-grad tal-prova mistenni minnha skont il-ligi u cioe' dak li tipprova l-akkuzi kif dedotti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni u allura tqies illi d-decizjoni ta'l-Ewwel Qorti kienet wahda gusta.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur